MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Numru 823/2000

**Il-Pulizija**
**Sp Michael Mallia**
**vs**
**Anthony Borg**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Anthony Borg ta' 17-il sena iben Peter u Censina nee Cassar mwieled B'Kara fil-21 ta' Frar 1983 u residenti 8 Castalletti Street Sliema, ID 260783M.**

**Akkuzat talli fit-22 ta' Ottubru 2000 ghall-habta tas-1.30pm f'dawn il-Gzejjer, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati mil-ligi skond servizz pubbliku cioe PS 1021 Urpani u PS 977 Zammit waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bi hsieb li jbezzaghhom jew li**

**jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.**

**U iktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi kkommetta reat fi zmien operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Ottubru 1999 fejn kien instab hati ta' reat u kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.**

**U iktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, huwa sar ricediv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 17 ta' Novembru 1999, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, maghmula llum 26 ta' Gunju 2008, liema ammissjoni l-imputat kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant, stante l-ammissjoni ta' l-imputat dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti qieset li ghadda zmien sew mill-kaz u li dak iz-zmien l-imputat kellu 17-il sena u ghal hekk wara li rat l-Artikoli 37, 28A, 49 u 50 u 95 tal-kap 9 qed ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u bhala piena, stante l-ammissjoni tieghu ghalkemm mhix wahda bikrija u kif diga intqal minhabba t-trapass taz-zmien u l-eta li dak iz-zmien l-imputat kellu, qed tipprovdi dwar il-piena kif gej:**

**(a) Dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet qed tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap 9 u qed tikkundanna lill-imputat ihalls multa ta' 700 Euro, liema multa tista tithallas b'rati ta' 100 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien 4 gimghat millum. Jekk il-multa ma tithallasx, din tinbidel skond il-ligi.**

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti jidrilha illi minhabba t-trapass taz-zmien u l-eta tenera li kellu dak iz-zmien l-imputat, tapplika l-Artikolu 28B tal-Kap 9 u qed testendi iz-zmien tas-sospensjoni tas-sentenza moghtija fl-20 ta' Ottubru 1999 ghal sentejn ohra millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------